# "IX-XIRKA"

*Minn Mons. Prof. A. Bonnici*

**Kont għadni kemm ordnajt saċerdot meta twaqfet Għaqda Kattolika ġdida f'Malta. Din kienet il-Konfraternita jew Fratellanza ta' l-Isem Imqaddes ta' Ġesu', jew, kif kienet aktar magħrufa, ix-Xirka. Il-fundatur tagħha, il-magħruf patri dumnikan Gerardu Paris — bniedem intelliġenti, dinamiku u qalbieni — daħal għax-xogħol biex, jekk jista' jkun, jeqred minn Malta u Għawdex il-vizzju misħut tad-dagħa b'Alla, bil-Madonna u bil-Qaddisin; vizzju li kien ġa nxtered ħafna fil-Gżejjer tagħna. Xogħol iebes; iżda Patri Paris kien bniedem ta' tempra qawwija, imħeġġeġ u jaf iħeġġeġ.**

Fis-27 ta' Ottubru 1928 saret it-talba għat-twaqqif tax-Xirka lill-Arċisqof Dom Mawru Caruana u fid-19 ta' Novembru Mons. Lwiġi Camilleri, Vigarju Ġenerali, iffirma d-digriet tat-twaqqif.

F'kemm ili ngħidlek, ix-Xirka inxterdet f'ħafna parroċċi ta' Malta u Għawdex. Ma dametx wisq ma fetħet fergħa go l-Isla, fejn, niftakar, ħadet xejra sabiħa, b'ħafna membri attivi. L-ewwel Direttur tagħha kien Dun Ġużepp Borg, wara kanonku ta' San Pawl tal-Belt. Tant li fl-1934 tlaqqa hemm il-Kungress Nazzjonali.

## PURĊISSJONI KULL XAHAR

Għandi quddiem għajnejja l-purċissjoni li kienet issir fil-knisja parrokkjali kull l-ewwel Ħadd tax-xahar. Bħala Direttur tal-Istitut ta' Edukazzjoni Kattolika, kont nislifhom Bambin ċkejken mogħti lill-Istitut, li kont inqiegħed fuq l-artal fil-jum tas-Sant'Infanzja.

Niftakar ukoll fit-tfal imlibbsin b'libsa ċelesti u l-berritta sewda bi pjuma bajda jieħdu sehem fil-proċessjoni ta' "Corpus Domini" madwar il-baldakkin, bħala gwardja ta' l-unur lis-Santissmu Sagrament.

Bħal ħafna qassisin oħra, kont ninteressa ruħi fil-Kongressi Nazzjonali, li ta' kull sena dik l-Għaqda kienet baqgħet tagħmel f'Għid il-Ħamsin. Kif kont rajt dak iż-żmien u kif qegħdin ifakkruni r-ritratti li għandi quddiemi, għal dawk l-Kongressi kien imur għadd kbir ta' membri u nies oħra.

Dawn il-Kongressi, li bdew b'dak li sar fir-Rabat, baqgħu jsiru f'parroċċi differenti, waqfu fil-gwerra u reġgħu bdew isiru wara li ntemmet il-gwerra. B'kollox saru 44 kungress Nazzjonali.. Fl-1946 tlaqqa' l-ewwel Kungress Nazzjonali tax-Xirka go Għawdex fl-Imġarr u dan irnexxa ħafna.

Fis-sena 1953, is-sena tal-Ġublew tal-Fidda jew ta' għeluq il-25 sena mit-twaqqif tax-Xirka, il-Kungress sar fuq il-Fosos tal-Furjana u nfetaħ b'"corteo" bħal dak li kien isir fil-festa ta' Kristu Re. Il-bidu ta' tħejjija għal dak il-Kungress sar l-Isla fl-ewwel Ħadd ta' Mejju tas-sena msemmija.

## KUMITAT ĦABRIEKI

Ħabirku ħafna għal dak il-Kungress il-membri tal-Kumitat Ċentrali — Patri Paris — m'għandniex xi ngħidu; Patri (illum Professur) Andrew Vella, li jidhirli kien Viċi - Direttur Nazzjonali; ir-Rev. Eġidju Galea Balzan, li kien għadu ma ħax il-Quddiesa, kjerku serju u għaref, is-Sur Victor H. Felice, li naf tajjeb kemm kien iħabrek għax-Xirka u s-Sur Karmelo Grasso, raġel li kien imdaħħal f'ħafna Kumitati.

Wara li sirt Monsinjur fl-1947, kemm-il darba kelli l-okkażjoni li nattendi għal ħafna minn dawk il-Kungressi bħala Assistent ta' Mons. Arċisqof Gonzi, li ma kienx ifalli wieħed minnhom. Xi xahar qabel il-Kungress, Patri Paris kien jikteb lili, bħala Segretarju Generali tad-Djoċesi, biex ngħaddilu l-invit lill-Arċisqof, u jitlobni biex naħsiblu għat-telegramm lill-Papa. L-aħħar Kungress li ass'steit għalih kien dak tal-Kalkara fl-1973.

Il-ħwejjeġ li l-aktar jolqtuni fil-ħajja tax-Xirka wara ż-żelu u l-ħidma tal-Fundatur-Direttur, Patri Paris, tal-Viċi-Direttur Patri Andrew Vella, u tad-Direttur ta' llum, Patri Anġelku Vella, huma l-interess u l-ħidma ta' nies prominenti fil-Gżejjer tagħna. Fost dawn insemmu l-Avukat F. Masini, li kien Segretarju Ġenerali tax-Xirka f'Għawdex, l-Avukat Ġużeppi Pace ta' Tas-Sliema, li kien jitkellem fil-Kungressi l-Avukat Ġovanni Calleja tal-Isla, li kiteb fuq ix-Xirka.

Ħadu sehem b'xi diskorsi, barra l-Isqfijiet Djoċesani, l-Isqof Emmanwel Galea, Sir Arturo Mercieca u Sir Luiġi Camilleri, it-tnejn Presidenti tal-Qrati Maltin, u l-Imħallef Alberto Magri.

## IL-LIĠI KONTRA D-DAGĦA

Saħansitra l-Primi Ministri Maltin Dr. Ġorġ Borg Olivier u Sir Paul Boffa kienu jattendu għal Kungressi. Dan tal-aħħar kien li laqa' r-riżoluzzjoni u għadda l-liġi kontra d-dagħa.

Barra mill-ħeġġa tad-Direttur Nazzjonali u ta' ħafna membri attivi fix-Xirka, fattur ieħor li żamm ħajja dik il-Għaqda kien il-ġurnal tagħha, imsejjaħ "Militia Christi". Beda joħroġ f'Ġunju tal-1928 u kien, biex ngħidu hekk, il-ħmira tagħha. Kien joħroġ kull tieni Ħadd tax-xahar. Waqaf f'Diċembru tal-1973 u reġa' deher f'Jannar tal-1947 sakemm waqaf għal kollox fis-sena 1977.

Fil-"Militia Christi" wieħed kien isib artikli sbieħ u fejjieda. Barra l-Editorjali li kienu jmissu l-kwistjonijiet tal-mument, kienu jinkitbu fiha artikoli apoloġetiċi, morali, soċjoloġiċi u liturġiċi u artikli ta' Xjenza, Storja u Saħħa. Ma kenux jonqsu r-rapporti dwar il-ġrajjiet tax-Xirka fid-djoċesi u f'kull parroċċa.

Maż-żmien inbidel id-Direttur, u laħaq Patri Anġelku Vella, dumnikan; inbidlu ħafna mill-membri attivi tagħha; u, dan l-aħħar inbidel ukoll il-metodu pastorali. Iċ-Ċentru Nazzjonali mir-Rabat niżel il-Belt. Minflok Gesu' Tarbija jew Tfajjel ingħażel Kristu r-Ragħaj it-Tajjeb bħala Patrun tax-Xirka, għax Kristu taħt din ix-xbiha jidher jaqbel iżjed maż-żmienijiet tagħna.

Fl-aħħarnett, flok il-Kungress Nazzjonali li soltu jsir f'Għid-il Ħamsin u l-purċissjonijiet fil-parroċċi li għalihom in-nies kienu jattendu, instab mezz ieħor ta' pastorali iżjed magħgub u rikjest miż-żmien tal-lum — dak li l-"Appostli" tax-Xirka ifittxu huma lin-nies u jiftħu djalogu magħhom fil-każini, fil-fabbriki, fl-istadju, fil-ħabs u f'postijiet oħra. Għamlu bħal Mawmettu: ma resqitx lejh il-muntanja, resaq hu lejha.



L-Arċisqof Dom Mawru Caruana, O.S.B., qed jippresjedi l-Kungress tax-Xirka li sar f'Birkirkara fil-1933. Quddiemnett fl-istampa jidher ukoll Dr. Enrico Mizzi.